



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.1.2013
COM(2012) 793 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW**

dwar il-Ġestjoni tar-Riskju Doganali u s-Sigurtà tal-Katina tal-Provvista

WERREJ

1.	Introduzzjoni	3
2.	Ġestjoni tar-riskju doganali tal-ue u s-sigurtà tal-katina tal-provvista.....	4
2.1.	Ir-rwol tas-sigurtà doganali	4
2.2.	Il-Qafas tar-Riskju Doganali tal-UE	4
2.3.	Il-proċess tal-immaniġġar tar-riskji.....	5
2.4.	Lakuni fil-metodu kurrenti	5
2.4.1.	<i>Kwalità tad-dejta u r-rwol tal-operaturi ekonomiċi</i>	<i>5</i>
2.4.2.	<i>Il-ktajjen tal-provvista sikuri u l-operaturi ekonomiċi.....</i>	<i>6</i>
2.4.3.	<i>Metodoloġiji operattivi.....</i>	<i>6</i>
3.	Il-ġestjoni tar-riskju tal-katina tal-provvista – ħarsa ġenerali.....	8
3.1.	L-iskala tal-isfida: it-tkabbir fil-kummerċ u l-kumplessità tal-katina tal-provvista.....	8
3.2.	Firxa ta' riskji u interkonnessjoni doganali ma' awtoritajiet oħrajn	9
3.3.	L-isfida għal ġestjoni tar-riskju doganali: approċċ b'livelli differenti.....	10
4.	Il-ġestjoni tar-riskju doganali tal-UE: il-passi li jmiss	12
4.1.	L-iżgurar tal-kwalità, id-disponibbiltà u l-fużjoni tad-dejta dwar il-kummerċ.....	12
4.1.1.	<i>Kwalità tad-dejta ("min qed imexxi xhiex lil min").....</i>	<i>12</i>
4.1.2.	<i>Id-disponibbiltà tad-dejta lill-awtoritajiet doganali kollha kkonċernati.....</i>	<i>12</i>
4.2.	Kooperazzjoni ma' operaturi ekonomiċi.....	13
4.2.1.	<i>Il-programm Operatur Ekonomiku Awtorizzat (AEO) tal-UE.....</i>	<i>13</i>
4.2.2.	<i>Kooperazzjoni ma' neġozji leġittimi biex jiġi mmirat it-traffiku illeċitu</i>	<i>13</i>
4.3.	L-indirizzar tad-differenzjali fil-kapaċità tal-ġestjoni tar-riskji.....	13
4.3.1.	<i>Livell tal-Istati Membri</i>	<i>13</i>
4.3.2.	<i>Livell tal-UE.....</i>	<i>13</i>
4.4.	Koordinazzjoni ma' awtoritajiet u aġenziji oħra.....	14
4.5.	Kooperazzjoni internazzjonali	15
5.	Konklużjoni	15

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

dwar il-Ġestjoni tar-Riskju Doganali u s-Sigurtà tal-Katina tal-Provvista

1. INTRODUZZJONI

L-UE tiddependi ħafna fuq il-kummerċ internazzjonali għall-iżvilupp ekonomiku tagħha u hija esposta għal theddidiet għas-sigurtà u s-sikurezza li jgħib miegħu dan il-kummerċ. Il-kummerċ internazzjonali illegali jimmina wkoll l-assistenza soċjali u ekonomika fl-UE. Ġestjoni tar-riskju effettiva tal-moviment tal-oġġetti permezz tal-katina tal-provvista internazzjonali hija ta' importanza kbira għas-sigurtà u s-sikurezza u essenzjali biex tiffaċilita l-kummerċ leġittimu u tipproteġi l-interess ekonomiku u finanzjarju tal-UE u l-Istati Membri tagħha.

Wara Settembru '9/11' u attakki terroristiċi oħra fl-Ewropa u bnadi oħra, is-sigurtà saret prijorità ewlenija għad-dwana Ewropea. Is-sigurtà tal-UE, tal-Istati Membri u taċ-ċittadini tiddependi fuq kull wieħed mill-punti ta' dħul ta' merkanzija fl-UE. Li kieku d-dwana kellha tonqos konsistentement milli taġixxi biex tindirizza r-riskji tul il-fruntieri esterni tal-UE, l-unjoni doganali u s-suq uniku tal-UE ma jkunux sostenibbli.

Il-politika doganali hi kompetenza tal-UE: l-Istati Membri jsegwu approċċ komuni. L-UE hija responsabbli mis-superviżjoni tal-kummerċ internazzjonali tal-Unjoni u ż-żamma tal-istandards minimi ta' ġestjoni tar-riskju u ta' kontrolli doganali. Bħal bosta ġurisdizzjonijiet oħra u f'konformità mal-istandards internazzjonali, l-UE għandha qafas komuni ta' politika intiża biex tindirizza r-riskji u taċċellera l-kummerċ leġittimu. Barra mill-adozzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti, l-amministrazzjonijiet doganali fl-UE kollha ħadu azzjoni biex jirriveđu l-proċeduri, it-tekniki u r-riżorsi tal-kontroll.

L-inċident ta' Ottubru 2010 (il-Jemen) wera dgħufijiet fl-istandards u l-proċeduri ta' sigurtà applikabbli għall-merkanzija bl-ajru fl-UE u madwar id-dinja kollha. Id-dibattitu li seħħ enfasizza l-ħtieġa ta' reviżjoni aktar ġenerali tal-proċeduri u l-ħtiġijiet ta' sigurtà għall-mezzi kollha tat-trasport. Hemm sfidi kritiċi li għandhom jiġu indirizzati u dawn ma jistgħux jiġu solvuti fil-livell tal-Istati Membri iżda jeħtieġu azzjoni tal-UE biex tikkumplimenta u ssaħħa l-isforzi li saru fuq livell nazzjonali.

L-għan ta' din il-Komunikazzjoni hi:

- li tirrevedi l-implimentazzjoni ta' politika doganali għall-ġestjoni tar-riskju;
- tippreżenta approċċ strateġiku għas-snin li ġejjin;
- tagħmel rakkomandazzjonijiet għal azzjoni b'enfasi fuq l-użu effiċjenti tar-riżorsi.

2. ĠESTJONI TAR-RISKJU DOGANALI TAL-UE U S-SIGURTÀ TAL-KATINA TAL-PROVVISTA

2.1. Ir-rwol tas-sigurtà doganali

Ir-rwol tad-dwana fil-katina tal-provvista ilha tevolvi b'mod kostanti. Minn ġbir tad-dħul għal gwardjan tas-suq intern u ta' politiki oħra bħas-saħħa pubblika, il-ħarsien tal-konsumatur, l-ambjent, l-agrikoltura, kibret b'mod naturali, wara l-attakki terroristiċi tal-11 ta' Settembru 2001, biex saret element ewlieni fil-qasam tas-sigurtà fil-katina tal-provvista.

Dan ir-rwol huwa rikonoxxut fid-dikjarazzjoni tal-missjoni tal-awtoritajiet tad-dwana tal-UE¹:

*"L-awtoritajiet doganali għandhom ikunu responsabbli primarjament għas-superviżjoni tal-kummerċ internazzjonali tal-Komunità, biex b'hekk jikkontribwixxu għal kummerċ ġust u miftuħ, għall-implimentazzjoni tal-aspetti esterni tas-suq intern, tal-politika komuni tal-kummerċ u tal-linji politiċi komuni l-oħrajn tal-Komunità li jaffettwaw il-kummerċ, kif ukoll għas-sigurtà fil-katina kollha ta' forniment."*²

Ir-rwol dejjem jiżdied tas-sigurtà doganali tal-UE fl-aħħar 10 snin huwa konformi mal-iżviluppi dinjija u l-istandards internazzjonali, notevolment mal-qafas ta' standards "SAFE" tal-Organizzazzjoni Doganali Dinjija (World Customs Organisation, WCO).

2.2. Il-Qafas tar-Riskju Doganali tal-UE

L-emenda tal-2005 fil-Kodiċi Doganali tal-UE³ pprovda l-bażi legali għall-iżvilupp ta' qafas komuni għall-ġestjoni tar-riskju tal-katina tal-provvista. Din l-emenda u d-dispożizzjonijiet implimentattivi sussegwenti introduċew bidliet radikali li affettwaw kemm-il dwana kif ukoll il-komunità kummerċjali.

Dan il-qafas komuni jinkludi: identifikazzjoni u kontroll ta' movimenti ta' merkanzija ta' riskju għoli bl-użu ta' kriterji komuni tar-riskju; il-kontribuzzjoni ta' Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati (AEO) fi sħubija doganali-kummerċjali għall-iżgurar u l-iffaċilitar tal-kummerċ leġittimu; u sigurtà qabel il-wasla/qabel it-tluq u analiżi tar-riskju bbażata fuq l-informazzjoni dwar il-merkanzija ppreżentata elettronikament minn kummerċjanti qabel il-wasla jew it-tluq tal-merkanzija fi/mill-UE.

Operazzjonalment, il-qafas huwa mirfud mis-Sistema elettronika tal-Ġestjoni tar-Riskju Doganali tal-UE (CRMS). Dan huwa mezz ta' komunikazzjoni b'firxa wiesgħa bejn l-Istati Membri u skambju ta' informazzjoni ta' riskju sistematiku. Huwa disponibbli għal ċentri għall-analiżi tar-riskju ta' Stati Membri, il-punti ta' kontroll mal-fruntieri esterni kollha fl-UE u lill-Kummissjoni.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 450/2008 tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat), l-Artikolu 2.

² Għaldaqstant, l-istrateġija għall-evoluzzjoni tal-Unjoni Doganali adottata mill-Kunsill fl-2008 tistieden lid-dwana tal-UE sabiex tissodisfa l-mira ta' ħarsien tas-soċjetà u l-interessi finanzjarji tal-UE billi "*billi jiġu applikati miżuri effikaċi kontra l-moviment ta' prodotti illeċiti, ristretti u projbitti*" – Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni tal-1 ta' April 2008 bit-titolu Strateġija għall-Evoluzzjoni tal-Unjoni Doganali [COM(2008) 169 finali, p. 5].

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 648/2005 tat-13 ta' April 2005.

Minħabba l-ambitu tagħha u l-impatt, din l-emenda legali kienet teħtieġ l-iżvilupp matul numru ta' snin b'implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri kollha skedata għall-2011.

2.3. Il-proċess tal-immaniġġar tar-riskji

Ir-riskju maħluq minn merkanzija li tidħol u toħroġ mill-UE huwa analizzat fuq il-bażi tal-informazzjoni dwar il-merkanzija li ntbagħtet elettronikament f'dikjarazzjoni wahda⁴ mill-operaturi qabel it-tluq jew il-wasla. Għall-esportazzjoni (Export Control System) din hija mwettqa mill-awtoritajiet tad-dwana fl-uffiċċju tal-esportazzjoni. Għall-importazzjonijiet (Sistema tal-Kontroll tal-Importazzjoni) l-analiżi tar-riskju hija mwettqa mid-dwana fl-ewwel punt ta' dħul dwar l-oġġetti kollha li jidħlu fl-UE irrispettivament mid-destinazzjoni.

Ir-riskji huma valutati permezz ta' applikazzjoni elettronika ta' kriterji ta' riskju u standards komuni għall-analiżi tar-riskju għas-sigurtà u s-sikurezza. L-output elettroniku huwa mbagħad iwwalutat minn analisti tar-riskju doganali bl-użu ta' diversi sorsi ta' informazzjoni, inkluża informazzjoni minn Stati Membri oħra. L-awtoritajiet doganali fl-ewwel punt tad-dħul jiddeċiedu, skont is-serjetà tar-riskju ppreżentat, jekk il-kontrolli humiex meħtieġa u, jekk ikun hekk, jekk għandhomx isiru fil-fruntiera jew fil-post tal-ħatt. Jekk l-analiżi tar-riskju huwa pożittiv (kontrolli huma mitluba), ir-riżultati huma mibgħuta lill-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri ta' ħatt.

2.4. Lakuni fil-metodu kurrenti

Wara valutazzjoni preliminarja tal-implimentazzjoni inizjali tal-leġiżlazzjoni l-għdida magħmula mal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, il-Kummissjoni kkummissionat studju aktar fil-fond ta' analiżi tar-riskju u l-immirar tal-kapaċitajiet tal-UE⁵. L-istudju kkonkluda li bosta kwistjonijiet jeħtieġu azzjoni urġenti, inkluż il-kwalità tad-dejta, l-immudellar tal-katina tal-provvista u ċerti aspetti tal-metodoloġija applikata.

2.4.1. Kwalità tad-dejta u r-rwol tal-operaturi ekonomiċi

L-għan ewlieni tal-ġestjoni tar-riskju huwa biex jiżgura l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni kollha u jiġu evitati kontrolli mhux meħtieġa filwaqt li jiffoka l-aktar fuq oqsma li jippreżentaw riskji serji. L-operaturi ekonomiċi huma kruċjali għall-immaniġġar tar-riskji minħabba l-informazzjoni disponibbli għalihom u l-miżuri li huma jieħdu biex jiżguraw il-katina ta' provvista tagħhom.

Biex jagħmlu użu sħiħ ta' metodi ta' valutazzjoni tar-riskju, wieħed jeħtieġ li jkun jaf "min qed imexxi xhiex, lil min, minn fejn". Dejta dwar il-partijiet reali wara t-tranżazzjoni u l-moviment ta' merkanzija (ix-xerrej u l-bejjieġ jew is-sid), u dwar l-oġġetti preċiżi involuti, huwa essenzjali billi hija informazzjoni fuq it-twassil tal-oġġetti matul il-katina tal-provvista

Il-fondazzjoni għal dan il-metodu hija t-tagħrif bil-quddiem dwar il-merkanzija li ntbagħtet elettronikament mill-operaturi ekonomiċi rigward il-movimenti tal-merkanzija li tidħol fil u toħroġ mill-Unjoni Ewropea. Huwa ta' importanza kritika li din id-dejta tkun disponibbli malajr kemm jista' jkun, tkun rilevanti u tkun ta' kwalità għolja. Bil-maqlub, dgħufiji sinifikanti fl-istandard jew fir-rilevanza tad-dejta se tfixxkel identifikazzjoni u valutazzjoni tar-riskju bbażata elettronikament aktar tard.

⁴ ENS: Dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul.

⁵ Study on possible ways to enhance EU-level capabilities for customs risk analysis and targeting, PricewaterhouseCoopers, il-31 ta' Mejju 2012.

Dejta rilevanti, ta' kwalità għolja hija fundamentali għall-ġestjoni tar-riskju bbażata fuq dejta elettronika, iżda l-istudju jissuġġerixxi li l-input attwali ma jissodisfax ir-rekwiżiti minimi. Barra minn hekk, hemm nuqqas sistemiku fl-għoti ta' tagħrif dwar il-partijiet wara t-tranżazzjoni u xi elementi oħra ta' informazzjoni pprovduti huma ta' kwalità baxxa. F'bosta każijiet l-informazzjoni disponibbli fid-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul (ENS) mhijiex preċiża biżżejjed biex titwettaq analiżi tar-riskju effettiva. Barra minn hekk, dejta ta' valur disponibbli għall-operaturi għandha tkunu iktar sfruttata kompletament mill-awtoritajiet għal skopijiet ta' analiżi tar-riskju.

2.4.2. Il-ktajjen tal-provvista sikuri u l-operaturi ekonomiċi

L-iżgurar u s-salvagwardja tal-integrità tal-katina tal-provvista hija ta' interess komuni fost iċ-ċittadini, in-negozju u l-gvern. Dan jirrikjedi livelli għolja ta' sħubija bejn id-dwana u l-komunità kummerċjali.

L-identifikazzjoni ta' kummerċ leġittimu u ta' riskju baxx jagħmilha aktar faċli għall-awtoritajiet doganali jiffokaw fuq riskji ogħla u biex jitħaffef il-moviment tal-kummerċ leġittimu permezz tal-katina ta' provvista.

Programm sod ta' Operatur Ekonomiku Awtorizzat (AEO) issa huwa stabbilit sew fl-UE (b'aktar minn 11 000 ċertifikat fl-użu f'Lulju 2012) u formalment rikonoxxut minn xi msieħba kummerċjali ewlenin. Il-programm huwa ssorvlejat mill-qrib fil-livell tal-UE.

Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati jieħdu miżuri sinifikanti biex jiżguraw il-katina tal-provvista tagħhom u huma vvalidati formalment mill-awtoritajiet doganali. Dawn il-miżuri għandhom x'jaqsmu mal-investiment fis-sigurtà fiżika u s-sistemi interni ta' kontroll, is-solvenza finanzjarja, il-valutazzjoni tar-riskju tan-negozju u l-kredibbiltà tal-partijiet fin-negozju. Fl-UE, dawn il-miżuri għandhom ikunu rikonoxxuti minn awtoritajiet mhux doganali kkonċernati bil-valutazzjoni tar-riskju tal-katina tal-provvista u l-mitigazzjoni.

Bħalissa, madankollu, inizjattivi simili f'oqsma oħra tal-politika pubblika mhumiex konnessi mal-programm tal-AEO. Dan jista' jwassal għal sitwazzjonijiet fejn operatur huwa vvalutat darbtejn għall-istess kriterji minn żewġ amministrazzjonijiet pubbliċi differenti.

Hemm bżonn ta' sforz aktar miftiehem biex jitwessa' r-rikonoxximent formali tal-programm AEO fil-firxa tal-oqsma ta' politika għal skopijiet ta' ġestjoni tar-riskju u biex jiġi żgurat li l-benefiċċji favur negozji konformi jkunu massimizzati. L-allinjament doganali tal-programm operatur ekonomiku awtorizzat ma' programm kummerċjant sikur fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni huwa eżempju wieħed.

2.4.3. Metodoloġiji operattivi

It-tqegħid f'operazzjoni tal-qafas komuni għall-ġestjoni tar-riskju tal-UE jgħid li sfidi sinifikanti. Varjanza sinifikanti fil-livelli tal-analiżi tar-riskju mwettqa mill-Istati Membri u kontromiżuri assoċjati għandha konsegwenzi reali u mhux mixtieqa.

L-implimentazzjoni hija irregolari u mhux effettivi daqs kemm mistenni għal diversi raġunijiet:

- Varjanza fil-kapaċità

Standard minimu komuni tal-analiżi tar-riskju awtomatizzata għas-sigurtà u s-sikurezza għadu ma ntlaħaqx minħabba differenzi fl-iżvilupp, il-kapaċità u l-kapaċità teknika ta' sistemi ta' analiżi tar-riskju elettroniki nazzjonali.

Dan ifisser li kriterji komuni tar-riskju mhumex implimentati bis-sħiħ fl-Istati Membri kollha u ma jistgħux jiġu sorveljati u evalwati sew għal effettività fil-livell tal-UE. Fin-nuqqas ta' kapaċità u appoġġ ta' 24 siegħa/7 ijiem fil-ġimgħa (24/7) f'ċerti Stati Membri jinibixxi wkoll il-kisba ta' standards komuni tal-UE.

Dan jillimita l-kapaċità tal-UE li tadatta u twieġeb għal riskji komuni u tfixxkel l-innovazzjoni fil-ġestjoni tar-riskju.

- Il-piż differenzjali

Differenzi fil-volum tal-kummerċ li għandu jsirli l-valutazzjoni tar-riskju tfisser li l-piż tax-xogħol ukoll iwarja bejn l-Istati Membri. Dan huwa prinċipalment minħabba l-pożizzjoni ġeografika u n-natura tal-loġistika tal-katina tal-provvista. Barra minn hekk, theddid jista' jvarja skont iż-żmien u l-post.

Analiżi ta' dejta ta' kontroll tal-importazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskju tar-riżorsi disponibbli fl-Istati Membri tindika varjazzjonijiet wiesgħa fl-ammont ta' xogħol ta' analiżi tar-riskju u l-immirar tal-uffiċjali doganali. F'xi każijiet dan iwarja minn disa' darbiet il-medja tal-UE għal merkanzija bl-ajru għal aktar minn 50 darba akbar mill-medja tal-UE għat-traffiku marittimu.

- Koordinazzjoni operattiva u skambju ta' informazzjoni

Kif tintbagħat l-informazzjoni dwar il-merkanzija bil-quddiem fl-ewwel punt ta' dħul fl-UE, l-isfida fil-valutazzjoni tar-riskju "min qed imexxi xhiex, lil min, minn fejn" hija iktar kumplessa peress li l-proporzjon tal-kummerċ li jidhul fl-UE li jkun sejjer lejn Stat Membru ieħor minn dak tal-ewwel dħul jew huwa fi tranżitu fl-UE huwa sinifikanti⁶. Traffiku li jasal fl-ewwel punti tad-dħul ta' spiss jinkludi merkanzija marbuta għal Stati Membri oħra kif ukoll tal-merkanzija li tinsab fi tranżitu fl-UE fit-triq lejn destinazzjoni finali f'pajjiżi terzi.

Dan ifisser li t-tagħrif u l-informazzjoni disponibbli fil-livell nazzjonali u lokali fl-Istat Membru tad-destinazzjoni huwa importanti għal analiżi tar-riskju effettiva u mitigazzjoni tar-riskju f'punti tal-ewwel dħul. Barra minn hekk, informazzjoni dwar partijiet u l-karatteristiċi tagħhom, inklużi vulnerabbiltajiet dwar il-partijiet tal-katina tal-provvista barra l-UE, hija b'mod ċar ta' rilevanza komuni għall-analiżi tar-riskju u sinifikati fuq il-fruntiera esterna kollha.

Il-qsim sistematiku, fil-ħin reali jew mill-kondiviżjoni flimkien ta' informazzjoni, għarfien u għarfien espert komuni huwa essenzjali sabiex jiġi żgurat li japplikaw standards minimi ekwivalenti u li informazzjoni importanti li taffettwa r-riskju tal-katina tal-provvista tkun disponibbli għal dawk li jehtigħu. Bil-maqlub, kwalunkwe nuqqasijiet sinifikanti fil-qsim tal-informazzjoni jxekklu l-effettività tal-ġestjoni tar-riskju fil-punti ta' dħul differenti u għall-UE bħala entità sħiħa.

⁶ Eż. iktar minn 50 % tal-oġġetti li jidħlu minn Rotterdam – port ewlieni — huma intenzjonati għal Stat Membru ieħor.

Id-dejta disponibbli fuq tal-qsim ta' informazzjoni fuq perjodu ta' 12-il xahar tissuġġerixxi li mhux biżżejjed informazzjoni relatata mar-riskji operattivi hija disponibbli bil-metodoloġiji u l-istrutturi kurrenti⁷. Minħabba li l-iskambju tal-informazzjoni bejn id-dwana fl-ewwel punt tad-dħul u l-Istati Membri rilevanti oħrajn mhux qiegħed jaħdem kif suppost, informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-UE qed jiġi injorat.

Wara l-inċident tal-Jemen, ir-rapport tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar it-Tisħiħ tas-Sigurtà tal-Merkanzija tal-Ajru indirizza wkoll il-koordinazzjoni mill-UE u skambju ta' informazzjoni:

"Rispons xieraq għat-theddid terroristiku għandu jinvolti koordinazzjoni effiċjenti u kooperazzjoni fil-livell tal-UE bejn is-settur tat-trasport u tal-Ġustizzja u l-Affarjiet Interni u l-aġenziji diversi tal-gvern kif ukoll skambju rapidu ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE. Dan il-prinċipju jmur lil hinn mit-theddida speċifika li kienet ir-raġuni għal dan ir-Rapport, u hija parti mir-riflessjoni usa' dwar kif l-UE għandha twieġeb għal inċidenti li jistgħu jseħħu f'oqsma oħra."

Madankollu, l-iskambji tal-informazzjoni bejn id-dwana u awtoritajiet oħra jvarjaw b'mod sinifikanti f'livell nazzjonali u xi kultant huma nieqsa fil-livell tal-UE (eż. waqt il-kriżi Fukushima). Is-sitwazzjoni attwali mhijiex sodisfaċenti u teħtieġ azzjoni ta' rimedju⁸.

3. IL-ĠESTJONI TAR-RISKJU TAL-KATINA TAL-PROVVISTA – ĦARSA ĠENERALI

Il-ġestjoni tar-riskju huwa proċess kontinwu li jinvolti l-identifikazzjoni tat-theddid u r-riskji, l-evalwazzjoni u l-analiżi tagħhom u t-tfassil ta' kontromiżuri xierqa. Huwa marbut bil-ħin u kkaratterizzat mill-bżonn għal għarfien ta' loġistika u katini tal-provvista u l-ġestjoni u integrazzjoni ta' diversi flussi ta' informazzjoni u intelligence. Hija titlob valutazzjoni tal-kwalità u l-kredibbiltà ta' informazzjoni, inkluż apprezzament tar-riskju li d-dejta tista' tiġi kompromessa permezz ta' informazzjoni ħażina, manipulazzjoni jew falsifikazzjoni. L-effettività tagħha tiddependi fuq il-flessibbiltà, l-adattabbiltà u s-sensibbiltà għall-okkorrenza potenzjali mhux biss ta' avvenimenti koperti b'konsegwenzi li nafu dwarhom iżda ta' dawk b'inqas effetti kalkolabbli. L-indirizzar tal-konsegwenzi u r-riżultati ta' riskji li jimmaterjalizzaw hija wkoll ta' importanza vitali.

3.1. L-iskala tal-isfida: it-tkabbir fil-kummerċ u l-komplessità tal-katina tal-provvista

L-iskala tal-isfida tista' titkejjel billi jiġu kkunsidrati l-volum u r-rata ta' movimenti ta' kummerċ u l-profil ta' loġistika taż-żminijiet tal-lum. Dan jeħtieġ li jkun ibbilanċjat mal-limitazzjonijiet fuq l-ambjent ta' kontroll kemm f'termini ta' kapaċità tar-riżorsi kif ukoll tal-ħtieġa li jiġi evitat tfixkil bla bżonn fil-katina tal-provvista leġittima.

Bejn l-2004 u l-2010, minkejja l-impatt tal-kriżi finanzjarja, il-valur tal-kummerċ estern tal-UE kiber bi kważi 50 %⁹. L-UE tinsab fiċ-ċentru tal-kummerċ globali u tal-loġistika tal-katina

⁷ Tressqu iktar minn 36 miljun ENS iżda l-għadd ta' talbiet mill-ewwel punti ta' dħul tal-UE għal informazzjoni minn Stati Membri oħra kien ta' 382. Din mhijiex konsistenti ma' valutazzjoni tar-riskju proattiv u analiżi tar-riskju kredibbli u mitigazzjoni għal oġġetti li jaqsmu l-fruntiera esterna.

⁸ Dwar dan is-suġġett l-istudju tal-PWC ikkonkluda li "... hemm lok għal tiġib fl-iskambju ta' tagħrif u informazzjoni fil-livelli kollha (bejn organizzazzjonijiet fil-livell nazzjonali, bejn il-livell nazzjonali u dak tal-UE u bejn l-organizzazzjonijiet fil-livell tal-UE)".

⁹ Kummerċ barrani u intern tal-UE: Annwarju Statistiku — id-dejta 1958-2010, p. 16.

tal-provvista. Hija l-imsieħba kummerċjali ewlenija għall-Istati Uniti, iċ-Ċina u r-Russja. Aktar minn 90 % tal-kummerċ globali (8,4 biljun tonnallata ta' merkanzija) tinġarr kull sena bil-baħar minn 25 800 passaġġi ta' negozju globali. Aktar minn 20 % ta' dan il-kummerċ bil-baħar jinħatt fl-Ewropa. Hemm 25 400 punt ta' trasport mad-dinja kollha għal merkanzija u passiġġieri ttrasportati bl-ajru, u proporzjon sostanzjali tagħhom huma konnessi ma' iżjed minn 250 ajruporti internazzjonali fl-UE. Il-ħafna partijiet involuti fil-ġestjoni ta' dawn jżid mal-kumplessità ta' dawn il-passaġġi tal-kummerċ tal-loġistika tal-katina tal-provvista. Il-fruntiera tal-art tal-lvant hija twila 9 890 km, b'133 punt ta' dħul kummerċjali bit-triq u bil-ferrovija. Tul il-fruntiera esterna kollha tal-UE hemm aktar minn 1 000 uffiċċju doganali tad-dħul.

Fl-2011, id-Dwana tal-UE pproċessat 36 miljun qabel il-wasla tad-dikjarazzjonijiet tat-tagħbija qabel il-wasla (dikjarazzjonijiet fil-qosor tad-dħul), 140 miljun dikjarazzjoni ta' importazzjoni, 96 miljun dikjarazzjoni tal-esportazzjoni u 9 miljun dikjarazzjoni ta' transitu. Dawn iċ-ċifri jirrappreżentaw medja ta' 8,9 dikjarazzjonijiet kull sekonda ġestiti mill-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri.

Għalkemm il-parti l-kbira tal-kummerċ huwa legali, studju riċenti mill-Forum Ekonomiku Dinji jqis li l-kummerċ illeċitu huwa madwar 7 % u 10 % tal-ekonomija globali¹⁰.

3.2. Firxa ta' riskji u interkonnessjoni doganali ma' awtoritajiet oħrajn

Il-politiki u r-rwol tal-aġenziji u awtoritajiet oħra minbarra d-dwana huma wkoll ta' tħassib ewlieni. Il-ħtieġa għall-allinjament u l-iżgurar tal-kumplimentarjetà bejn miżuri meħuda minn awtoritajiet differenti bil-kunsiderazzjoni dovuta għas-setgħat rispettivi tagħhom hija fattur kostanti u vitali fil-ġestjoni tas-sigurtà tal-katina tal-provvista. Miżuri biex titjeb is-sigurtà tat-trasport, pereżempju, huma evidentement rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskju taċ-ċaqliq tal-oġġetti, l-aktar evidenti f'relazzjoni mal-merkanzija ttrasferita bl-ajru, mod ta' trasport li issa titqies li hija ta' riskju għoli minn atti terroristiċi. Bl-istess mod, miżuri ta' sigurtà meħtieġa biex jissalvagwardjaw it-trasport ta' oġġetti perikolużi huma fatturi sinifikanti li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni.

Aktar ġenerali, meta l-atti doganali flimkien ma', jew f'isem ta', awtoritajiet oħra, komunikazzjoni sistematika u skambju ta' informazzjoni marbuta mar-riskju huma meħtieġa¹¹. Fi kwistjonijiet li jippreżentaw riskji serji għas-saħħa pubblika u l-ambjent jew għas-sigurtà u s-sikurezza taċ-ċittadini, komunikazzjoni bħal din hija kruċjali biex tiżgura intervent f'waqt mill-awtorità xierqa biex jittaffa u jiġi kontrollat ir-riskju. Dan hu partikolarment importanti fejn aktarx ikun hemm tentattivi ta' haħbi jew miżrappreżentanza ta' tali oġġetti meta dawn jidħlu fl-UE. L-għan għandu jkun li jiġi żgurat li tagħrif ewlieni residenti ma' aġenziji differenti fuq livell nazzjonali u livell tal-UE huwa inkorporat fil-valutazzjoni tar-riskju biex itejjeb l-effiċjenza tiegħu.

¹⁰ World Economic Forum, New Models for Addressing Supply Chain and Transport Risk, An initiative of the Risk Response Network, 2012. P9.

¹¹ "It-terminu sigurtà hawnhekk qed jintuża fl-iktar sens wiesa'. Ikopri mhux biss theddid għas-sigurtà pubblika fil-moviment tal-oġġetti (kriminali, terroristiku jew traffikar ieħor jew il-kummerċ illeġali tal-armi tan-nar, prodotti bijoloġiċi jew splussivi, pereżempju), iżda wkoll għat-theddid tas-sigurtà tas-soċjetà mill-kummerċ fl-oġġetti li jippreżentaw riskju għas-saħħa pubblika, l-ambjent u l-konsumaturi." Ir-rwol tad-dwana fit-tmexxija integrata tal-fruntieri esterni, COM(2003) 452.

3.3. L-isfida għal ġestjoni tar-riskju doganali: approċċ b'livelli differenti

Il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju kurrenti mhuwiex biżżejjed biex jiġu indirizzati r-riskji ta' sigurtà u sikurezza b'mod uniformi fuq il-fruntiera esterna. Azzjoni biex jimplimentaw il-lakuni eżistenti huwa meħtieġ u approċċ ġdid għall-ġestjoni tar-riskju tal-UE hija meħtieġa.

Il-valutazzjoni tan-natura tar-riskju u l-impatt probabbli jekk ir-riskju jimmaterjalizza għandhom imexxu deċiżjonijiet dwar jekk l-azzjoni hijiex ikkunsidrata xierqa u, jekk iva, il-post, it-tip u l-waqt tal-verifiki jew kontromiżuri li għandhom jittieħdu.


Riskji differenti jeħtieġu reazzjonijiet differenti: il-kummerċ bejn il-kummerċjanti li huma siguri b'mod identifikabbli huwa meqjus li jgħalluq inqas riskju minn kummerċ ieħor; il-movimenti ta' ċerti oġġetti huma faċilment identifikabbli bħala ta' riskju għoli. Għal din ir-raġuni l-UE ma tappoġġax l-iskennjar 100 % jew kontroll iżda tikkunsidra li miżuri ta' kontroll għandhom ikunu fi proporzjon mal-istima tar-riskju.

L-inċident tal-Jemen wera b'mod ċar ħafna diversi punti prinċipali li jridu jiġu kkunsidrati fit-tfassil tal-politika tas-sigurtà tal-katina tal-provvista doganali tal-UE. Dawn jinkludu n-natura sensittiva għal ħin ta' miżuri ta' tnaqqis tar-riskju, l-involvement simultanju ta' diversi Stati Membri fi tranżazzjoni waħda u l-interdipendenza tagħhom, bejn l-aġenziji u d-dimensjoni internazzjonali fil-kwistjoni u l-interess prinċipali tal-industrija u tal-partijiet interessati fil-katina tal-provvista u sistema ta' kummerċ internazzjonali. Dawn l-elementi interkonnessi jenfasizzaw il-ħtieġa ta' approċċ proattiv, interkonness għall-immaniġġar tar-riskju li jinvolvu bosta atturi.

L-indirizzar tar-riskju ta' apparat splussiv li jitgħabbew b'merkanzija bl-ajru jeħtieġ azzjoni qabel it-tagħbija f'pajjiż terz, filwaqt li riskji oħra, inklużi dawk b'implikazzjonijiet ta' sigurtà u finanzjarji bħall-kummerċ illeċitu li jintuża biex jifinanzja skopijiet kriminali jew terroristiċi, jistgħu jkunu soġġetti għal kontroll aktar 'il fuq fil-katina tal-provvista. Iżda riskji oħrajn jistgħu ukoll jiġu trattati b'mod aktar effiċjenti u li jikkawżaw l-inqas tfixkil għand il-kummerċjanti. Ħafna riskji finanzjarji u ta' politika kummerċjali se jibqgħu jiġu kkontrollati b'mod aktar effettiv waqt l-iżdoganar u permezz ta' verifiki ta' wara r-rilaxx meta dejta u dokumentazzjoni aktar dettaljata huma disponibbli. Analiżi tar-riskju effettiv huwa essenzjali għall-immirar ta' dan it-tip ta' kontrolli.

It-tweġġiq ta' valutazzjoni tar-riskju bikrija hija kruċjali sabiex jiġu identifikati t-tip u l-livell tar-riskju u l-firxa ta' tveġġibiet possibbli. Il-valutazzjoni tar-riskji qabel il-wasla (u anki t-tagħbija) tal-merkanzija tippermetti l-awtoritajiet doganali u tal-infurzar biex jimplimentaw rispons għal riskji ta' ħafna livelli, li jippermettilhom jiddeċiedu fejn l-aħjar fil-katina tal-loġistika għandhom jittrattaw ir-riskju mingħajr ma jipperikolaw is-sigurtà tal-Istati Membri tal-UE u ċ-ċittadini. Din il-viżjoni ottimali tal-ġestjoni tar-riskju hija illustrata hawn taħt.

Valutazzjoni minn qabel –intervjuni fejn meħtieġ



In-nuqqas ta' approċċ uniformi jfixkel l-ippjanar u l-użu mmirat ta' riżorsi limitati u jirrappreżenta vulnerabbiltà fuq livell tal-UE.

4. IL-ĠESTJONI TAR-RISKJU DOGANALI TAL-UE: IL-PASSI LI JMISS

L-effikaċja u l-effiċjenza tal-ġestjoni tar-riskju tal-moviment tal-oġġetti bejn il-fruntieri tal-UE huma ta' importanza ewlenija għas-sigurtà, is-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini kif ukoll għall-interessi kummerċjali, ekonomiċi u finanzjarji tal-UE u l-Istati Membri tagħha. Bosta sfidi jeħtieġu soluzzjonijiet multipli u integrati għan-nuqqasijiet identifikati fil-metodu attwali.

4.1. L-iżgurar tal-kwalità, id-disponibbiltà u l-fużjoni tad-dejta dwar il-kummerċ

Id-dispożizzjoni ta' dejta ta' kwalità minn kummerċjanti u d-disponibbiltà tagħha lill-awtoritajiet involuti fil-ġestjoni tar-riskju fil-livell xieraq huma prijorità ewlenija.

4.1.1. Kwalità tad-dejta ("min qed imexxi xhiex lil min")

Ibbażat fuq xogħol magħmul minn Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar it-Tisħiħ tas-Sigurtà tal-Merkanzija tal-Ajru, il-leġiżlazzjoni tal-UE u sistemi ta' tagħrif bil-quddiem dwar il-merkanzija għandhom jiġu adattati biex jiżguraw li d-dejta meħtieġa għal analiżi tar-riskju effettiva hija disponibbli.

Dan jinkludi d-dettalji tal-partijiet reali wara t-tranżazzjonijiet u l-movimenti tal-merkanzija u deskrizzjoni adegwata tal-oġġetti għall-għanijiet ta' identifikazzjoni u analiżi tar-riskju elettroniċi; l-introduzzjoni ta' kodiċi HS mandatorju huwa meħtieġ mill-inqas għall-kunsinni kummerċjali.

L-arranġamenti ta' arkivjar meħtieġa sabiex tinkiseb din il-firxa ta' dejta mit-trasportaturi u l-partijiet oħra għandhom jiddaħħlu fis-seħħ bħala kwistjoni ta' urġenza. Xi grad ta' differenzjar biex jitqiesu mudelli tan-negozju differenti ta' kummerċ huwa meħtieġ (eż. għal kontejners marittimi tat-tbaħħir; merkanzija li tintbagħat express bl-ajru; It-tfassil tar-regoli mill-UE għandu jikkunsidra l-piż amministrattiv fuq l-operaturi ekonomiċi u l-intrapriżi żgħar u medji. Għandu jikkunsidra wkoll il-ħtieġa li jiġu żviluppati u promossi standards internazzjonali.

4.1.2. Id-disponibbiltà tad-dejta lill-awtoritajiet doganali kollha kkonċernati

Iktar ma tista' titwettaq malajr il-valutazzjoni tar-riskju tal-movimenti tal-merkanzija tal-katina tal-provvista, iktar ikunu jistgħu jiġu mfassla aħjar ir-rekwiżiti tal-kontroll kont it-tip ta' riskju identifikat u adattati biex jaqbel mal-proċess tal-loġistika. Id-dejta kummerċjali għandha tiġi reġistrata malajr kemm jista' jkun b'mod li jiffaċilita l-analiżi u l-ġestjoni tar-riskju effettivi.

Jeħtieġ li d-dejta tkun aċċessibbli fl-istess ħin għal ħafna Stati Membri biex jappoġġaw l-użu flessibbli, il-ġestjoni u l-isfruttament. Il-bidla fl-arranġamenti ta' arkivjar tista' tippermetti li dejta minn partijiet differenti miksuba f'aktar minn Stat Membru wieħed tkun mgħaqqda. Metodi kosteffettivi biex jintlaħaq dan għandhom jiġu esplorati.

4.2. Kooperazzjoni ma' operaturi ekonomiċi

L-iżgurar u s-salvagwardja tal-integrità tal-katina tal-provvista hija ta' interess komuni fost l-interessi tan-negozju u l-awtoritajiet tal-gvern.

4.2.1. Il-programm Operatur Ekonomiku Awtorizzat (AEO) tal-UE

L-implimentazzjoni b'suċċess tal-programm tal-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati (Authorised Economic Operators, AEO) fl-UE hija importanti ħafna biex jiġi rikonoxxut l-investment magħmul minn dawn l-operaturi u jiġi żgurat li jakkumulaw benefiċċji sinifikanti.

Rikonoxximent ta' status AEO fl-UE minn awtoritajiet mhux doganali oħra fil-katina tal-provvista u regolaturi involuti fl-evalwazzjoni tar-riskju u l-mitigazzjoni jistgħu jkunu sors importanti ta' ekonomiji u benefiċċji għall-operaturi. Bl-istess mod, ir-rikonoxximent doganali (sħiħ jew parzjali) ta' status simili tal-UE f'oqsma oħra (eż. aġent regolat fil-leġislazzjoni tat-trasport bl-ajru) jistgħu jtejbju l-effikaċja tal-immirar tar-riskju.

It-twessigħ tal-benefiċċji li jakkumulaw internazzjonalment permezz tar-rikonoxximent reċiproku tal-AEO tal-UE ta' programmi simili stabbiliti minn pajjiżi terzi għandha tkun prijorità wkoll.

4.2.2. Kooperazzjoni ma' negozji leġittimi biex jiġi mmirat it-traffiku illeċitu

Impenn sħiħ ma' operaturi ekonomiċi joffri l-prospett ta' aktar benefiċċji sinifikanti lejn il-ġestjoni tar-riskji permezz ta' żieda fil-kuxjenza dwar il-kummerċ tal-importanza tal-kwalità tad-dejta li għandha tingħata u billi jiżdied l-għarfien dwar il-katina tal-provvista sabiex jiġu identifikati aħjar il-vulnerabbiltajiet u t-theddid.

Dejta prezzjuża disponibbli għall-operaturi għandha tiġi sfruttata mill-awtoritajiet għal skopijiet ta' analiżi tar-riskju.

4.3. L-indirizzar tad-differenzjali fil-kapaċità tal-ġestjoni tar-riskji

Hemm il-ħtieġa li jingħelbu d-differenzi mhux biss fil-kapaċità sabiex tiġi analizzata l-informazzjoni iżda wkoll il-livelli varji ta' informazzjoni fi Stati Membri differenti. Taħlita ta' azzjoni fuq il-livell tal-Istati Membri u tal-UE għandha tiġu kkunsidrata.

4.3.1. Livell tal-Istati Membri

Huwa meħtieġ li tissaħħaħ il-kapaċità li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet eżistenti f'kull Stat Membru. Dan jinvolve aġġustament tal-magni tar-riskju elettroniku nazzjonali għal speċifikazzjonijiet tekniċi komuni sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-istandards meħtieġa. Dan jinvolve wkoll l-impenn ta' riżorsi adegwati għal ġestjoni tar-riskju 24/7 u l-iżgurar ta' kwalità għolja ta' kompetenza fl-immirar u mitigazzjoni tar-riskju (eż. permezz ta' taħriġ).

4.3.2. Livell tal-UE

L-azzjoni tal-Istati Membri tista' tgħin biex jingħelbu d-distakki fil-kapaċità ta' analiżi tar-riskju fil-livell nazzjonali. Madankollu, dan waħdu ma jkunx biżżejjed biex jiġu indirizzati kwistjonijiet kollettivi ta' ġestjoni tar-riskju mal-UE kollha assoċjati ma' frammentazzjoni fil-

flussi tal-informazzjoni minħabba l-post ġeografiku u n-natura ta' ktajjen taloġistika internazzjonali.

Fil-livell tal-UE, ġabra mtejbja tal-kapaċità u r-riżorsi tal-Istati Membri hija meħtieġa sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-ġestjoni tar-riskju tal-UE b'mod aktar effettiv f'kull punt tal-fruntiera esterna. Filwaqt li tirrikonoxxi u tirrispetta karatteristiċi speċifiċi lokali, reġjonali u nazzjonali tal-ġestjoni tar-riskju, kapaċità addizzjonali fil-livell tal-UE tipprovdi kumplement dinamiku kosteffettiv għal azzjoni nazzjonali. Dan jista' jinkludi l-varar f'ħin reali ta' magna tar-riskju elettroniku biex tissupplimenta l-kapaċità teknika nazzjonali u l-iżvilupp tal-kapaċità tar-riżorsi biex jiġu indirizzati theddid u riskji li huma komuni għall-Istati Membri. Aktar speċifikament, kapaċità organizzata fuq livell tal-UE għandha:

- tippermetti kriterji ta' riskju komuni adattati jew il-profilu tar-riskju fil-livell tal-UE biex tiġi applikata direttament fuq dejta tal-livell tal-UE, aktar milli permezz ta' 27 sistema nazzjonali, fi kriżi u sitwazzjonijiet oħra;
- tissaħħaħ il-kapaċità ta' identifikazzjoni tar-riskji komuni u jiġi żgurat li dawn ikunu trattati bl-istess mod madwar il-fruntiera esterna.
- tizzied il-viżibbiltà tal-ktajjen tal-provvista internazzjonali u jiġi żgurat li informazzjoni importanti ta' riskju ma tkunx injorata fil-livell transkonfinali estern;
- tittejjeb il-kapaċità li jiġu identifikati aktar malajr in-netwerks tal-kummerċ illegali li joperaw lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u jiġu indirizzati r-riskji ta' devjazzjoni u x-xiri tal-portijiet b'mod aktar sistematiku.
- tippermetti ġestjoni tad-dejta ta' kwalità aktar effettiva fil-fruntieri esterni, il-valutazzjoni tar-riskju u r-reviżjoni;
- toħloq pjattaforma għall-qsim ta' informazzjoni ma' awtoritajiet oħra u ma' pajjiżi terzi.

L-opportunitajiet li jirriżultaw mill-programm Dwana 2020 li jmiss, pereżempju l-istazzjonament ta' esperti tal-Istati Membri f'post permanenti fil-forma ta' gruppi ta' esperti, għandhom jiġu sfruttati bis-sħiħ. Il-qsim ta' tali riżorsi fil-livell tal-UE jgħin biex tiġi indirizzata l-frammentazzjoni tal-flussi ta' informazzjoni, jingħelbu d-diffikultajiet marbuta ma' differenzi fil-kapaċità tal-ġestjoni tar-riskju bejn l-Istati Membri u jiġi garantit standard uniformi ta' analiżi ta' riskju u ġestjoni elettronika.

4.4. Koordinazzjoni ma' awtoritajiet u aġenziji oħra

Il-ħtieġa li jkun hemm kooperazzjoni aktar strutturata u sistematika bejn id-dwana u awtoritajiet oħra, speċjalment f'sitwazzjonijiet fejn ir-riskju jkun jista' jiġi indirizzat aħjar fil-livell tal-UE, hija waħda mill-konklużjonijiet prinċipali li ttieħed mill-każ Yemen. B'mod partikolari:

- Hemm il-ħtieġa li tiġi ssimplifikata l-informazzjoni u l-intelligence minn aġenziji speċifiċi dwar theddidiet serji relatati ma' movimenti tal-merkanzija, li din tkun disponibbli u tittieħed azzjoni fuqha immedjatament billi tintuża sistema ta' tagħrif bil-quddiem dwar il-merkanzija. It-tip ta' informazzjoni, u l-proċeduri għat-trasmissjoni tagħha b'tali mod li jottimizza r-riżultati għal immaniġġar ta' riskju

komuni, jiddependu fuq l-istruttura organizzattiva u l-iffissar tal-awtoritajiet rilevanti (inklużi d-dwana) u jeħtieġ li jiġu stabbiliti u miftiehma flimkien ma' dawk l-awtoritajiet.

- Id-dwana għandha tipparteċipa f'katina ta' provvista ta' theddida għas-sigurtà u valutazzjoni tar-riskju fil-livell tal-UE u tiżgura l-integrazzjoni tagħha fil-ġestjoni tar-riskju doganali.

Il-valur miżjud ta' arranġamenti bħal dawn ikun imkabbar jekk tali informazzjoni jiġu applikati b'mod uniformi u mill-ewwel fil-livell tal-UE f'ħin reali, billi dan jiżgura reazzjoni bikrija għat-theddid komuni u r-riskji u jingħelbu n-nuqqasijiet identifikati hawn fuq.

4.5. Kooperazzjoni internazzjonali

Ġestjoni tar-riskju effettiva tiddependi wkoll fuq kooperazzjoni internazzjonali b'saħħha, kemm b'mod bilaterali kif ukoll multilaterali. Kooperazzjoni mill-qrib mal-imsieħba kummerċjali ewlenin tagħna għandha tespandi l-għarfien u l-informazzjoni. Din għandha tikkontribwixxi wkoll biex ixxerred l-għarfien tal-metodi u t-tekniki tal-ġestjoni tar-riskju internazzjonalment.

L-UE għandha ssegwi inizjattivi li jiżviluppaw skambju ta' informazzjoni ma' sħab kummerċjali ewlenin u l-pajjiżi ġirien, tippromwovi r-rikonoxximent reċiproku tal-programmi ta' sħubija kummerċjali u tappoġġa taħriġ konġunt għall-persunal permezz ta' skambji ta' uffiċjali u l-iżvilupp ta' standards komuni; hija għandha tlesti l-ħidma kontinwa fuq qafas komuni għall-ġestjoni tar-riskju ma' msieħba li jipparteċipaw fl-UE fil-qasam tas-sigurtà doganali; fl-aħħar nett, għandha tkompli tappoġġa l-ħidma internazzjonali dwar l-istandards (eż. taħt "SAFE") f'organizzazzjonijiet multilaterali bħad-WCO, l-ICAO, l-IMO u l-UPU fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju u s-sigurtà tal-katina tal-provvista, inklużi informazzjoni għall-ġbir tal-merkanzija kollha, skambji ta' informazzjoni, programmi ta' sħubija kummerċjali u ta' teknoloġiji ta' detezzjoni.

5. KONKLUŻJONI

In-negozjanti, l-Istati Membri u ċ-ċittadini fl-UE kollha għandhom interess fil-ġestjoni effettiva tar-riskju. L-involviment mill-qrib ma' operaturi ekonomiċi hija meħtieġa sabiex jinkisbu l-istandards mixtieqa ta' dejta għall-analiżi tar-riskju, jiġi ffaċilitat iċ-ċaqliq effiċjenti ta' kummerċ leġittimu u tittejjeb il-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu. Dan, flimkien ma' skambju aktar sistematiku ta' informazzjoni tar-riskju u l-koordinazzjoni bejn id-dwana u awtoritajiet oħra jew l-aġenziji u kooperazzjoni internazzjonali aktar mill-qrib, se jsaħħaħ is-sigurtà u l-integrità tal-katina tal-provvista.

Qabel ma tiegħu inizjattivi konkreti għal azzjoni sabiex issaħħaħ il-ġestjoni tar-riskju doganali, ill-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali biex jikkunsidraw l-approċċ stabbilit f'din il-Komunikazzjoni.